Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 7/20**
il-Lussemburgu, 28 ta' Jannar 2020

Sentenza fil-Kawża C-122/18
Il-Kummissjoni vs L-Italja

# L-Italja kellha tiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi josservaw, fit-tranżazzjonijiet kummerċjali tagħhom mal-impriżi privati, perijodi ta' ħlas li ma jaqbżux it-tletin jew is-sittin jum

Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja (Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard) (C-122/18) mogħtija fit-28 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, **ikkonstatat ksur mill-Italja** tad-Direttiva 2011/7 dwar il-ġlieda kontra **l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali**[1], sa fejn dan l-Istat Membru **ma żgurax li l-awtoritajiet pubbliċi tiegħu, meta jkunu debituri fil-kuntest ta' tali tranżazzjonijiet, josservaw effettivament perijodi ta' ħlas li ma jaqbżux it-tletin jew is-sittin jum kalendarju**, kif stabbiliti fl-Artikolu 4(3) u (4) tal-imsemmija direttiva.

Il-Kummissjoni, li rċeviet diversi lmenti minn operaturi ekonomiċi u minn assoċjazzjonijiet ta' operaturi ekonomiċi Taljani li fihom ġew ikkritikati l-perijodi eċċessivament twal li matulhom l-awtoritajiet pubbliċi Taljani kienu sistematikament iħallsu l-fatturi tagħhom relatati ma' tranżazzjonijiet kummerċjali ma' operaturi privati, ippreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Italja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

L-Italja sostniet, bħala difiża, li d-Direttiva 2011/7 timponi fuq l-Istati Membri biss l-obbligu li jiggarantixxu, fil-leġiżlazzjoni tagħhom li tittrasponi l-imsemmija direttiva u fil-kuntratti li jirrigwardaw tranżazzjonijiet kummerċjali fejn id-debitur ikun waħda mill-awtoritajiet pubbliċi tagħhom, perijodi massimi ta' ħlas konformi mal-Artikolu 4(3) u (4) tal-imsemmija direttiva kif ukoll li jipprevedu d-dritt tal-kredituri, fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-perijodi, għal interessi għal ħlas tard u għal kumpens għall-ispejjeż tal-irkupru. Skont dan l-Istat Membru l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jeżiġixxux, min-naħa l-oħra, li l-Istati Membri jiggarantixxu l-osservanza effettiva, fiċ-ċirkustanzi kollha, tal-imsemmija perijodi mill-awtoritajiet pubbliċi tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizza, l-ewwel nett, ċaħdet dan l-argument billi qieset li l-Artikolu 4(3) u (4) tad-Direttiva 2011/7 jimponi wkoll fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw l-osservanza effettiva, mill-awtoritajiet pubbliċi tagħhom, tal-perijodi ta' ħlas li huwa jipprevedi. Hija, b'mod partikolari, osservat li fid-dawl tan-numru kbir ta' **tranżazzjonijiet kummerċjali li fihom l-awtoritajiet pubbliċi huma d-debituri ta' impriżi**, kif ukoll tal-ispejjeż u tad-diffikultajiet maħluqa lil dawn tal-aħħar minn **ħlasijiet tard min-naħa ta' dawn l-awtoritajiet**, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jimponi fuq l-Istati Membri obbligi msaħħa f'dak li jirrigwarda t-tranżazzjonijiet bejn impriżi u awtoritajiet pubbliċi.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizza ċaħdet l-argument tal-Italja li jgħid li l-Istat Membru ma jistax jinżamm responsabbli għall-awtoritajiet pubbliċi tiegħu meta dawn jaġixxu fil-kuntest ta' tranżazzjoni kummerċjali (*jure privatorum*), barra mill-prerogattivi ta' awtorità pubblika tagħhom. Fil-fatt, tali interpretazzjoni tkun tfisser li jintilef l-effett utli tad-Direttiva 2011/7, b'mod partikolari tal-Artikolu 4(3) u (4) tagħha, li speċifikament jimponi fuq **l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw l-**

[1]Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU 2011, L 48, p. 1).

**osservanza effettiva tal-perijodi ta' ħlas li huwa jipprevedi fit-tranżazzjonijiet kummerċjali fejn id-debitur ikun awtorità pubblika**.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-fatt, jekk jitqies li huwa stabbilt, li f'dawn l-aħħar snin is-sitwazzjoni relatata mal-ħlasijiet tard tal-awtoritajiet pubbliċi fit-tranżazzjonijiet kummerċjali koperti mid-Direttiva 2011/7 qegħda titjieb ma jistax jipprekludi lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tikkonstata li l-Italja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, b'mod konformi ma' ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont **is-sitwazzjoni tal-Istat Membru prevalenti fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, jiġifieri, f'dan il-każ, is-16 ta' April 2017**.

---

**TFAKKIRA**: Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, ippreżentat kontra Stat Membru li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, jista' jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor. Jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.
Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta tagħha, sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti mill-Qorti talĠustizzja fl-istadju tas-sentenza inizjali.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*